MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Numru. 441/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana]**
**[Spettur Bernard Spiteri]**
**[Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi]**

**vs**

**Tarek Hussein**

**Illum, 18 ta' April, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

Tarek Hussien, ta' 35 sena, iben Muftieh u Nadia nee' Hussein Abdulkarim, imwieled Benghazi, Libya, fil-5 ta' Frar, 1975 u residenti fil-fond 20, Triq Birkirkara, San

Giljan u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 26016(A).

Akkuzat talli fil-21 ta’ Marzu, 2011, ghal habta ta’ bejn l-10:30am u 10:45 fi Triq l-Imdina, Attard, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt lli kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti (96B).

Akkauzat ukoll talli fl-istess, data, lok u hinijiet u cirkostanzi xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewxa ngabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar sabiex jaghmlu reat, liema reat fil-fatt sar.

Akkuzat ukoll talli fl-istess, data, lok, hinijiet u cirkostanzi pubblikament xewwex lil persuna ohra sabiex jikser il-ligi.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

Akkuzat ukoll talli fl-istess, data, lok, hinijiet u cirkostanzi m’obdiex ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija.

Akkuzat ukoll talli fl-istess, data, lok u hinijiet u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies.

Rat l-artikoli 68, 69(c), 96(b), 338(dd)(ee) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. F’l-ewwel lok bla dubbju ta’ xejn il-Qorti trid taghti piz lin-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Fattur iehor li ghandha tiehu in konsiderazzjoni huwa c-cirkostanzi, lokali, li fihom sehhew dawn ir-reati u cioe f’mument meta zewg fazzjonijiet opposti ghal xulxin kienu qed jipprotestaw f’l-istess post. L-incident sehh meta l-imputat tefa’ xi gebel u l-pulizija intervjenew biex jassigura iz-zamma ta’ l-ordni pubbliku fil-waqt li jiggarantixxu d-dritt taz-zewg fazzjonijiet li jipprotestaw civilment u b’rispett ghal-ligijiet ta’ pajjizna. Kien f’dan il-kuntest li l-imputat attakka lill-pulizija u ikkommetta r-reati l-ohra kollha li huwa ammetta.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak li rrakkonta l-imputat b’gurament u cioe li huwa ghandu familjari tieghu f’Benghazi u li ma minhabba problemi fil-linji ta’ komunikazzjoni ma kellux ahbarhom u dak il-hin, meta sema dak kliem dispregjattiv u ta’ theddied gejjin mill-grupp l-iehor fil-konfront tal-grupp tieghu, tant emozzjona ruhu li wasal biex ghamel dak li ghamel.

Illi d-difieza tissottometti li in vista ta’ dak li kien ghaddej minnu personalment l-imputat minhabba l-avvenimenti li qed isehhu f’pajjiz l-imputat, jeziestu l-estremi biex jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9. Il-Qorti pero ma tikkondividiex din l-opinjoni. F’l-ewwel lok huwa principju ben stabbilit li biex jigi applikat dan il-provvediment tal-Ligi iridu jigu pruvati ragunijiet, cioe aktar minn raguni wahda, u fil-kaz in ezami ma gietx pruvata l-pluralita ta’ ragunijiet. In oltre u fi kwlaunkwe kaz fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-imputat kien preokkupat ghall-membri tal-familja tieghu, u minhabba dak li kien qed jigri f’pajjizu, ma jissodifax l-estremi ta’l-imsemmi artikolu 21.

Illi l-Qorti pero ser tiehu dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija kwazi netta u l-eventwali koperazzjoni tieghu mal-pulizija, fil-kalibrar tal-piena prevista ghar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Dawn ic-cirkostanzi jimmilitaw biex il-piena tinghata fil-minimu taghha u biex il-perjodi ta' prigunerija li ser jigi impost ikun sospiez.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 68, 69(c), 96(b), 338(dd)(ee) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmien xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------